MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 303/2006/1

**Joseph Cutajar**

**vs**

**Albert Satariano**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Jannar, 2007 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tlett mija u disghin Liri Maltin u hamsin centezmi (LM 390.50) rapprezentanti prezz ta' xoghlijiet ta' tappezzerija ta' lanca hekk kif ordnat mill-istess konvenut. Il-Konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-Ispejjes u imghaxijiet.

Ra r-risposta sollevata mill-konvenut li permezz taghha eccepixxa lli

1) t-talbiet attrci huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante lli huwa ma ordna ebda xoghol ta' tappezzerija izda talab biss stima;

2) illi f'kull kaz l-ammont pretiz huwa ezagerat;

B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti ezebiti fil-process.

Ra x-xhieda ta' Jonathan Cutajar u Albert Satariano.

Sema t-trattazzjoni tal-kawza miz-zewg partijiet.

Ra lli kien sar xi xoghol ta' tappezzerija fuq dghajsa li hija uzata mill-konvenut. Ra lli hemm zewg verzjonijiet konfliggenti.

Filwaqt illi Jonathan Cutajar, li jigi t-tifel tal-attur xehed illi x-xoghol rikjest mill-konvenut kien mghaggel u ma kienx gie mitlub stima, l-konvenut jghid illi huwa kien talab ghal stima qabel ma jsir ebda xoghlijiet hlief ghal 'dashboard cover' tal-'fly bridge' li kien xoghol urgenti u li ghal din il-bicca xoghol ma kienx staqsa ghal stima.

Jidher illi ma kienx hemm ftehim car bejn il-partijiet peress illi l-attur qabad u ghamel ix-xoghol u l-konvenut jghid li kien ried stima.

Lli minn dokumenti ezebiti miz-zewg partijiet l-kopja tal-invoice ezebita mill-attur ta' LM320.96 inkluz il-VAT ma jaqbilx mall-ammont mitlub fl-Avviz ta' LM390.50.

Mix-xhieda moghtija miz-zewg partijiet jidher illi il-kontendenti kienu diga jafu lil xulxin u lli ma kienetx l-ewwel darba li l-attur Joe Cutajar kien ghamel xi xoghol ta’ tappezzerija lill-konvenut.

Jidher illi x-xhud Jonathan Cutajar li jigi t-tifel tal-attur u li kien il-bniedem li ftehem mall-konvenut xehed illi l-konvenut kien ried ix-xoghol mghaggel tant li meta x-xoghol kien lest kien qallu biex imur jarmah fuq id-dghajsa. Ix-xhud qal ukoll illi ma kienetx l-ewwel darba li hadmu ghall-konevnut minghajr stima u qatt ma kellhom problema mieghu. Dwar dan l-ahhar xoghol li l-attur kien ghamel ghall-konvenut ix-xhud Jonathan Cutajar jghid illi l-konvenut kien gieghel lil Jontahan Cutajar jbiddel parti mit-tappezzerija li kienet immarkata b’xi inka u li l-konvenut kien ordna li Jonathan Cutajar sabiex ibiddilielu. Ix-xhud qal illi sussegwentement kien biddilielu.

Meta xehed il-konvenut dan qal illi huwa kien jahdem bl-attur meta kien ikollu bzonn ta’ tappezzerija fuq id-dghajsa. Meta qabbad lil Cutajar ghax-xoghol fuq id-dghajsa l-konvenut isostni li huwa kien talab stima izda l-attur kien lesta x-xoghol minghajr ma tah ebda stima.

Mill-atti jidher illi l-konvenut baqa’ kompla jaghmel uzu mit-tappezzerija li kien hadimlu Jonathan Cutajar izda tibqa’ biss il-kwistjoni ta’ prezz ghax-xoghol li kien sar.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi ma kienx hemm ftehim car bejn iz-zewg kontendenti . Il-Kovenut ried ix-xoghol tal-fly bridge cover u ma kienx mghaggel ghax-xoghol ta’ gewwa. Peress illi ma kienx hemm ftehim car bejn il-partijiet Jonathan Cutajar bhala impjegat tal-attur qabad u lesta l-fly bridge cover u baqa’ ghaddej bix-xoghol ta’ gewwa.

It-Tribunal huwa konvint illi da parti mill-konvenut huwa kien ikun lest ihallas lill-attur izda hass ruhu aggravat bil-fatt illi l-prezz tax-xoghol rikjest kien wiehed gholi. Fil-fatt il-konvenut jghid illi ghax-xoghol tal-fly bridge cover ma kienx hemm kontestazzjoni.

Illi skond ix-xhieda ta’ Jonathan Cutajar jidher illi l-ammont mitlub gie ridott ghal LM320.96 skond invoice li giet prezentata mix-xhud tal-attur.

It-Tribunal jirrileva li trattandsoi ta’ zewg verzjonijiet konfliggenti, jkollu jirreferi u joqghod fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti moghtija mill-partijiet u jestendi l-indagini tieghu fuq il-provi dokumentali li ghandhom iwassluh ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza.

Minn analizi tax-xhieda konfliggenti u evalwazzjoni tal-provi esebiti, t-Tribunal jasal ghal konkluzzjoni li x-xoghol sar u gie accettat mill-konvenut, izda l-ammont mitlub ghax-xoghol li sar, wara li t-Tribunal ha nkonsiderazzjoni l-materjal uzat u l-hin ikkalkolat li gie mehud sabiex jinhadem ix-xoghol, wara li sema x-xhud Jonathan Cutajar jixhed dwar il-hin li ha.

F’dawn ic-cirkostanzi it-Tribunal qieghed arbitrio boni viri jillikwida s-somma li ghandu jhallas lill-attur fis-somma ta’ mitejn u hmistax-il Lira Maltin (LM215 ) VAT inkluz.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeċiedi billi fil-waqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut jilqa’ t-talba attrici limitatament kif fuq spjegat u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mitejn u hmistax-il Lira Maltin ( LM215) bl-interessi skond il-Ligi mill-prezentata tal-Avviz.

Spejjez a karigu taz-zewg partijiet.”

Ic-censura ta’ l-attur fir-rigward ta’ din is-sentenza hi dik li fuq il-bazi tal-provi t-Tribunal ma kellux jasal ghal konkluzjoni li wasal fiha u b’ hekk jirreduci l-ammont mitlub minnu;

Espost dan l-aggravju, l-ewwel osservazzjoni li jokkorrilha taghmel din il-Qorti hi din. Trattasi ta’ somma nferjuri ghal hames mitt lira (Lm500), appell lil din il-Qorti hu konsentit skond l-Att V ta’ l-1995 fl-ipotesijiet prefissi mis-subinciz (2) ta’ l-Artikolu 8 ta’ l-Att. Jinkombi fuq il-Qorti, anke fl-assenza ta’ risposta mill-appellat jew ta’ senjalazzjoni preciza mill-appellanti, illi tezamina jekk l-aggravju kif sottomess jinkwadrax ruhu taht xi wiehed minn dawk l-ipotesijiet. Eskluzi s-subparagrafi (a), (b) u (c) ta’ l-artikolu msemmi tal-ligi, anke ghaliex dawn ghall-kaz ma jiccentraw xejn, il-Qorti hi fid-dmir li tinvestiga jekk it-Tribunal, b’ mod gravi, marx kontra d-dettami ta’ l-imparzjalita` u ta’ l-ekwita skond il-ligi u din l-azzjoni ppregudikatx il-jeddijiet ta’ l-appellanti [subparagrafu (d)]. Skartata l-kwestjoni ta’ l-imparzjalita`, anke ghaliex dwarha ma gie sollevat ebda gravam, l-ezami li jehtieg isir jirrivolvi dwar l-ezercizzju mit-Tribunal tal-principju ta’ l-ekwita;

Fuq il-predett principju din il-Qorti gja kkummentat bosta f’ diversi sentenzi taghha u mhux il-kaz li toqghod terga’ tirreplika l-konsiderazzjonijiet maghmula minnha, hlief forsi biex tenfasizza l-punt, drabi ohra espress, illi “l-kuncett ta’ l-ekwita ghandu jaspira ruhu ghar-regola ta’ gudizzju li, ghalkemm mhix miktuba, tikkonsenti, b’ riferiment ghall-kaz konkret, ghas-soluzzjoni tal-kontroversja b’ mod aktar konformi ghall-karatteristici specifici tal-fattispeci. Dan bil-ghan li jigi evitat li l-gudikatur jiskonfina ruhu fl-arbitriju. Naturalment ukoll, kif drabi ohra rilevat, it-Tribunal, anke jekk ghab-bazi ta’ l-ekwita`, ma ghandux dritt li jissorvola kompletament l-applikazzjoni tal-ligi ghall-mertu. Ara f’ dan is-sens s-sentenza fl-ismijiet ‘**Blye Engineering Co Ltd -vs- Vincent Caruana’**, Appell, 27 ta’ Ottubru 2000.” Din is-silta hi mehuda mid-decizjoni ta’ din il-Qorti, kif presjeduta,

fl-ismijiet "**Paul Portelli -vs- Paola Buttigieg *et***", (Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex)), 5 ta' Lulju 2006;

Ferma din ir-riflessjoni, u attiz li l-aggravju devolut jikkonsisti fi kritika tal-mod kif it-Tribunal iddelibera u ddecieda fuq il-fatti, il-Qorti ser tghaddi biex tistharreg jekk kienux hemm, fil-fattispeci, applikazzjoni zbaljata tal-principju tad-dritt ekwitattiv;

Bhal provi rrizulta li l-appellanti tqabbad mill-appellat jaghmel xoghol ta' tappezzerija fuq il-*yacht* ta' l-istess appellat. Il-partijiet ma ftehmux prezz minn qabel, izda meta l-kont gie prezentat lill-konvenut dan deherlu li kien esagerat, ghax skond hu, haddiehor kien ikkwotalu verbalment prezz inferjuri. Fuq ix-xhieda ta' Jonathan Cutajar, iben l-appellant, ix-xoghol rikjest kien mghaggel (ara konferma ta' dan ta' l-appellat, a fol. 13), u biex tlesta gew impjegati bejn tlieta u erba' granet tax-xoghol. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 9 *et sequitur*. Dan apparti l-kost tal-materjal. Il-valur tax-xoghol u tal-lavorazzjoni gie stmat mitejn u tnejn u sebghin lira (Lm272) li bl-addizzjoni tal-VAT tela' ghas-somma mitluba fl-Avviz. Ara fattura a fol. 16;

Fuq dawn il-provi t-Tribunal sab li tabilhaqq, bil-kontra ta' dak eccepit mill-konvenut, ix-xoghol sar kif kommissjonat u wara li ha in konsiderazzjoni l-fatt tal-materjal uzat u tal-hin allokat ghat-tlestija tal-prestazzjoni, ghadda biex adotta r-regola ta' l-arbitriju. Hu proprju r-rizultat konsegwit mit-Tribunal ta' din ir-regola li l-appellanti jikkontesta;

Huwa maghruf illi fejn il-partijiet ma jkunux ikkonvenew minn qabel dwar il-prezz ta' bicca xoghol, id-determinazzjoni tieghu trid tkun kommizurata skond ir-rizultat ottenut. Mhux dan biss pero`. Fil-*locatio operis*, kif inhu hawnhekk il-kaz, il-ligi tippreciza certi kriterji

gerarkiki li ghandhom jigu segwiti. Dan billi tippreskrivi fl-Artikolu 1624 Kodici Civili illi meta l-hlas mhux stabbilit fil-ftehim, il-prezz jigi stabbilit “jew b’ ligi jew b’ uzu, jew jigi meqjus skond stima ta’ perit jew mill-qorti skond ic-cirkostanzi”;

Johrog minn dan illi fl-ewwel lok, dejjem fl-assenza ta’ ftehim, il-gudikant hu mistenni li jirreferi ghal-ligi li naturalment tirregola t-tariffi ta’ tappezzara, jew ghall-uzu vigenti fil-mument tal-ftehim. Hu biss meta dan mhux possibbli jew ghax tariffi ma jezistux jew l-uzi mhux maghrufa illi mbaghad il-gudikant jista’ jirrikorri ghall-istima ta’ perit. F’ dan il-kaz ma gie nominat ebda perit tekniku. Dan hu forsi spjegabbli mill-konsiderazzjoni illi skond l-istess ligi li kkrejatu, it-Tribunal adit “ghandu jiddezisti kemm jista’ jkun milli jqabbad periti sabiex jaghtu l-parir espert taghhom” [Artikolu 9 (2) (c) ta’ l-Att). Minn naha l-ohra, fil-fehma tal-Qorti, mhux bizzejjed motivat kif it-Tribunal, certament arbitratur fid-determinazzjoni tal-prezz, ghamel uzu mill-arbitriju tieghu;

Huwa veru li l-istess Artikolu 1624 tal-Kapitolu 16 ma jorbotx lill-gudikant b’ parametri precizi ghax kollox jiddependi mic-cirkostanzi. B’ danakollu, kif taraha din il-Qorti, huwa veru wkoll illi l-gudikatur ma setax jisfuggulu n-natura, l-entita u l-hin impjegat ghat-tlestija tal-prestazzjoni, u, kif inhu hekk xieraq u legittimu wkoll, l-oneru assunt mill-appellant li jlesti x-xoghol zmien qasir ghal vantagg ta’ l-appellat li nkarigah. Dan ukoll kellu jigi mehud f’ konsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-prezz adegwat;

Maghdud dan kollu, hi l-fehma ponderata ta’ din il-Qorti, illi biex tevita inikwita zejda lill-appellanti l-mizura tal-korrispettiv ghandha tkun fid-dawl tar-riflessjonijiet maghmula, fis-somma ta’ mitejn tlieta u tmenin lira u ghoxrin centezmu (Lm283.20), VAT inkluz. Hu f’ dan is-sens li l-Qorti jidhrilha xieraq li tvarja s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell. Dan fis-sens illi l-ammont retribwibbli lill-appellanti ghall-prestazzjonijiet tieghu u l-kost tal-materjal qed jigi varjat minn dak prefiss mit-Tribunal billi jizdied ghas-somma ta’ mitejn tlieta u tmenin lira Maltija, u ghoxrin centezmu (Lm283.20), VAT inkluz. Bl-imghaxijiet kif miltub fl-Avviz u bl-ispejjez taz-zewg istanzi li fic-cirkostanzi ghandhom jitbatew kwantu ghal kwart (1/4) mill-attur appellant u tliet kwarti (3/4) mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------